# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## IMHALLEF

## ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 27 ta' Mejju 2002**

**Appell Nru 25/2002G**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel Attard**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmel Attard talli fix-xhur qabel il-hrug tac-citazzjoni (li ggib id-data tat-28 ta' Mejju, 2001) bi hsara ghall-konjugi Mario u Sandra Debono minn Marsalforn, Ghawdex, (**1**) ikkommetta vjolazzjoni kontra l-proprjeta` taghhom billi f'porzjon art fi Triq l-Ghar ta' Xerri, Xaghra, Ghawdex, iddepozita vetturi u materjal iehor; u aktar (**2**) talli zamm *scrapyard* minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, u (**3**) wara li gie misjub hati ta' l-ewwel akkuza b'sentenza tas-7 ta' Frar, 2001 mill-Qorti tal-Magistrati ta' Ghawdex, f'liema sentenza gie moghti tmintax-il jum sabiex inehhi l-inkonvenjent fuq penali ta' zewg liri kuljum fin-nuqqas, naqas li jaghmel dan u b'hekk hu mitlub li l-penali ta' Lm166 li tkopri 83 gurnata tghaddi favur il-Gvern ta' Malta, salv penali ohra ulterjuri;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tat-30 ta' Jannar, 2002, li permezz taghha dik il-qorti lliberat lill-imsemmi Carmel Attard mill-ewwel imputazzjoni u mit-tieni imputazzjoni, izda sabitu hati skond it-tielet imputazzjoni u kkundannatu jhallas is-somma ta' mija sitta w sittin lira (Lm166) rappresentanti tlieta w tmenin jum biz-zewg liri kuljum, bla pregudizzju ghal kull ammont iehor sakemm jibqa' inadempjenti;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Carmel Attard, minnu ppresentat fl-4 ta' Frar, 2002, li permezz tieghu talab ir-riforma ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-26 ta' April, 2002; ikkunsidrat:

Dana l-appell hu limitat ghat-tielet imputazzjoni, u cioe` talli l-appellant, skond kif qed tallega l-prosekuzzjoni, naqas milli jottempera ruhhu mas-sentenza tas-7 ta' Frar, 2001 li kienet ordnatlu sabiex inehhi l-inkonvenjent – konsistenti *inter alia* f'ingenji u materjal iehor li kienu <u>dak</u>

iz-zmien f'post partikolari – entro tmintax-il jum minn dik id-data, taht penali[1] ta' zewg liri kuljum fin-nuqqas. Iz-zewg aggravji ta' l-appellant huma, bazikament, aggravju wiehed, u cioe` li ma kienx hemm provi sodisfacenti li jippruvaw il-htija tieghu (dwar it-tielet imputazzjoni) sal-grad rikjest fil-kamp penali. Hu jikkontendi in partikolari li l-qofol tal-kwistjoni huwa fejn tinsab il-linja ta' demarkazzjoni bejn il-proprjeta` tieghu u dik tal-konjugi Debono, haga li l-ewwel qorti (cioe` l-qorti li tat-is-sentenza fit-30 ta' Jannar, 2002) ma dahlitx fiha. Din il-Qorti, pero`, tara li l-kwistjoni li ghandha quddiemha hi pjuttost wahda aktar semplici milli qed jaghmilha l-appellant. Kulma trid tara din il-Qorti – u kulma kellha tara l-ewwel qorti – kien jekk l-appellant wara li ghaddew it-tmintax-il jum mis-sentenza tas-7 ta' Frar, 2001 kienx nehha l-ingenji u materjal iehor minn fejn kienu fil-periodu sas-7 ta' Frar, 2001. Il-kwistjoni tal-linja ta' demarkazzjoni bejn il-proprjetajiet, li seta kellha xi relevanza ghall-fini tas-sentenza tas-7 ta' Frar, 2001, certament ma kellha ebda relevanza ghall-fini tas-sentenza appellata. Mill-kumpless tal-provi, u specjalment mid-deposizzjoni ta' Mario Debono u d-dokument a fol. 6, pero` anke mid-deposizzjoni tal-istess appellant, din il-qorti hi sodisfatta li l-appellant halla dawn l-ingenji u materjal fl-istess post fejn kienu sas-7 ta' Frar, 2001, anke wara li ghaddew it-tmintax-il gurnata minn dik id-data, b'mod li gie li ma ottemperax ruhhu mal-ordni tal-qorti moghti fis-sentenza tas-7 ta' Frar, 2001 ghat-tnehhija ta' l-inkonvenjent.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Ghall-kull buon fini qed jigi ccarat li l-penali ta' mija sitta w sittin lira li l-appellant ghandu jhallas hija ammenda u mhux multa.

A. Testone
Deputat Registratur

[1] Kemm taht l-Artikolu 377(3) tal-Kap. 9 kif ukoll taht l-Artikolu 321(1) tal-Kap. 10, tali penali hija fil-fatt ammenda.